

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2036

tal-25 ta' Novembru 2019

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tal-Emenda 17 għall-Anness 17 (Sigurtà) għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("il-Konvenzjoni ta' Chicago"), li tirregola t-trasport internazzjonali bl-ajru, daħlet fis-seħħ fl-4 ta' April 1947. Hija stabbliet l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO).
- (2) L-Istati Membri tal-Unjoni huma partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Chicago u Stati Membri tal-ICAO, filwaqt li l-Unjoni għandha status ta' osservatur f'ċerti korpi tal-ICAO, inkluż fl-Assemblea u f'korpi tekniċi oħrajn.
- (3) Skont il-punt (1) tal-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, il-Kunsill tal-ICAO għandu jadotta l-Istandards u l-prattiki rakkomandati internazzjonali ("SARPs").
- (4) Fl-4 ta' Lulju 2019, l-ICAO ħarġet ittra lill-Istati AS8/2.1-19/48 sabiex tgħarraf lill-Istati Membri tal-ICAO li l-Emenda 17 proposta għall-Anness 17 (Sigurtà) għall-Konvenzjoni ta' Chicago ('Anness 17') ser tiġi ppreżentata lill-Kunsill tal-ICAO għall-adozzjoni matul il-218-il sessjoni tiegħu li ser isseħħ mit-18 sad-29 ta' Novembru 2019, u hija prevista li ssir applikabbli f'Lulju 2020. L-emenda 17 għall-Anness 17 tinkludi dispożizzjonijiet ġodda jew riveduti dwar valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà, kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-Istati u l-partijiet ikkonċernati, programmi ta' taħriġ u sistemi ta' ċertifikazzjoni, kontroll tal-aċċess, skrinjar tal-persunal u emendi editorjali oħrajn. L-ittra lill-Istati AS8/2.1-19/48 nediet il-perjodu ta' konsultazzjoni tal-Istati Membri tal-ICAO dwar l-Emenda 17 għall-Anness 17, u dak il-perjodu skada fl-4 ta' Ottubru 2019.
- (5) L-Emenda 17 għall-Anness 17 tħejjiet mill-Bord tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni tal-ICAO, li fih huma membri attivi esperti minn tmien Stati Membri tal-Unjoni, u ġiet ippreżentata għall-approvazzjoni fil-217-il sessjoni tal-Kunsill tal-ICAO. Wara l-konsultazzjoni tal-Istati Membri tal-ICAO, huwa probabbli li l-Emenda 17 għall-Anness 17 tiġi approvata mill-Kunsill tal-ICAO waqt il-218-il sessjoni tiegħu.
- (6) Ladarba jiġi adottat, l-annex 17 emendat ser ikun vinkolanti fuq l-Istati Membri kollha tal-ICAO, inklużi l-Istati Membri kollha tal-Unjoni, f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Chicago u fi ħdan il-limiti stabbiliti fiha. L-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni ta' Chicago jesiġi li l-partijiet kontraenti jinnotifikaw lill-ICAO billi jużaw il-mekkaniżmu tan-notifika tad-differenzi jekk ikollhom l-intenzjoni li jiddevjaw mis-SARPs. Għaldaqstant huwa opportun li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill tal-ICAO fir-rigward tal-Emenda 17 għall-Anness 17.
- (7) Jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill tal-ICAO tkun kif stabbilita fl-Anness għal din id-Deċiżjoni u jenħtieġ li tkun espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kunsill tal-ICAO, li jaġixxu b'mod konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) fir-rigward tal-Emenda 17 għall-Anness 17 (Sigurtà) għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali għandha tkun kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kunsill tal-ICAO, li jaġixxu b'mod konġunt.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
F. MOGHERINI

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tar-reviżjoni tal-Anness 17 (Sigurtà) (Emenda 17) tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (il-“Konvenzjoni ta’ Chicago”)

Prinċipji ġenerali

Fi ħdan il-qafas tal-attivitajiet tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) fir-rigward tar-reviżjoni tal-Anness 17 (Sigurtà) (Emenda 17) għall-Konvenzjoni ta’ Chicago dwar l-iżvilupp ta’ Standards u Prattiki Rakkomandati (SARPs), l-Istati Membri, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interessi tal-Unjoni, għandhom:

- (a) jaġixxu f'konformità mal-oġġettivi segwiti mill-Unjoni fil-qafas tal-politika tas-sigurtà tal-avjazzjoni, b'mod partikolari sabiex jipproteġu l-persuni u l-merkanzija fi ħdan l-Unjoni Ewropea, u jipprevjenu atti ta' interferenza illegali mal-inġenji tal-ajru ċivili li jipperikolaw is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili.
- (b) billi japplikaw u jinfurzaw ir-regoli komuni stabbiliti biex jissalvagwardjaw l-avjazzjoni ċivili minn atti ta' interferenza illegali, jikkontribwixxu biex iżidu l-livell tas-sigurtà tal-avjazzjoni globalment.
- (c) ikomplu jappoġġaw l-iżvilupp mill-ICAO ta' standards ta' sigurtà li jissalvagwardjaw l-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali, f'konformità mar-Riżoluzzjoni 2309 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tat-22 ta' Settembru 2016 ⁽¹⁾.

Il-pożizzjoni dwar ir-reviżjoni tal-Anness 17 (Sigurtà) (Emenda 17) L-Istati Membri, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interessi tal-Unjoni, għandhom jappoġġaw l-Emenda 17 proposta għall-Anness 17.

⁽¹⁾ Ir-Riżoluzzjoni 2309 (2016), adottata mill-Kunsill tas-Sigurtà fis-7775 l-laqgħa tiegħu, fit-22 ta' Settembru 2016: Theddid għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali kkawżat minn atti terroristiċi: Sigurtà tal-avjazzjoni